# Restawrati n-niċċa, l-istatwa u l-pedestall tal-Madonna tar-Rużarju

**Minn seba' interventi ta' restawr li għalihom il-parroċċa kwalifikat biex parti mill-ispiża titħallas minn fondi tal-Unjoni Ewropea, tnejn huma lesti minn kollox. Dawn kienu jinvolvu l-kxif u r-restawr tal-pittura fuq il-ħajt tan-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju u r-restawr tal-pedestall tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. VALENTINA LUPO, direttur tal-kumpanija *Atelier del Restauro* li rebħet il-kuntratti għal dan ix-xogħol wara sejħa pubblika, tispjega l-interventi li saru fuq dawn l-opri ta' arti fil-Knisja Arċipretali ta' Ħad-Dingli li issa jistgħu jitgawdew fl-aħjar stat possibbli. Il-parroċċa ħasbet li biex dan il-proġett ikun komplut, toħroġ fondi hi biex l-istess kumpanija tnaddaf u tirrestawra l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.**

Matul is-snin il-parroċċa ta' Ħad-Dingli għarfet ir-responsabilità li tħares l-opri tal-arti tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri. Mis-sena 2014 'il quddiem, it-tim ta' konservaturi tal-kumpanija *Atelier del Restauro* mmexxi minni u minn Maria Grazia Zenzani u Simon Dimech ħadem fuq bosta xogħlijiet ġewwa din il-knisja. Dawn jinkludu:

- il-konservazzjoni tal-pittura u s-sottokwadru indurat tal-*Mater Boni Consilii*;
- l-induratura ta' sottokwadru ġdid tal-injam għal xbieha ta' San Ġorġ Preca;
- l-induratura ta' sottokwadru u l-konservazzjoni tal-pittura ta' Sant'Anna ma' Marija Bambina;
- ir-restawr tal-Kurċifiss tal-kartapesta fil-kappellun li jinsab fuq in-naħa tan-nofsinhar tal-knisja;
- studju dwar l-istat ta' konservazzjoni fuq l-14-il pittura li juru l-*Via Crucis* u r-restawr tal-ewwel stazzjon u l-kwadru tiegħu fejn ġiet żvelata l-iskrizzjoni oriġinali; u
- l-konservazzjoni tan-niċċa tal-istatwa titulari tal-Assunta wara li taħt id-drapp li kien qed jiksi l-ħitan tan-niċċa nstabet moħbija pittura bit-teknika tat-*trompe l'oeil*. *Atelier del Restauro* kienet responsabbli biex tikkonsolida u tnaddaf id-dekorazzjonijiet mpittra u tirtokkja l-pittura biex in-niċċa tmur lura għall-iskema dekorattiva oriġinali.



Permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti li ħarġet fl-2019 mill-Fondazzjoni għall-Patrimonju Kulturali tal-Arċidjoċesi ta' Malta, il-kumpanija *Atelier del Restauro* ngħatat il-proġett ta' konservazzjoni u restawr tan-niċċa fil-kappellun l-ieħor u li fiha l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. B'sejħa pubblika oħra, l-istess kumpanija ngħatat il-kuntratt għar-restawr tal-pedestall tal-injam u l-induratura tiegħu. L-Arċipriet, Dun Mark Mallia Pawley, u l-amministrazzjoni tal-Parroċċa ħassew il-bżonn li biex il-proġett ikun komplut isir tindif estensiv tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Ix-xogħlijiet bdew f'Settembru 2019 u hawn spjegazzjoni tal-interventi li saru.

**In-niċċa**

Ritratti mis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor juru li n-niċċa tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju kienet imżejna bi skema dekorattiva li tikkonsisti minn *trompe l'oeil* elaborat esegwit fil-griż, abjad u okra (lewn it-tafal). Fis-snin tmenin, din il-pittura dekorattiva mal-ħajt tan-niċċa ġiet mgħottija, l-ewwel b'żebgħa bajda, imbagħad b'*wallpaper* mwaħħla bil-kolla fuq iż-żebgħa. Ir-raġuni għal dan l-intervent mhix magħrufa. Il-pittura mal-ħajt hi maħsuba li tmur lura għal tmiem is-seklu 19 jew il-bidu tas-seklu 20 u taqbel mal-pittura li żżejjen il-ħitan tan-niċċa tal-istatwa titulari ta' Santa Marija u li kienet ġiet restawrata fl-2016.



Ix-xogħol beda bit-tneħħija tal-*wallpaper* u tal-kolla li biha twaħħal. It-tneħħija tal-kolla saret bl-użu ta' *gel* ibbażat fuq is-*solvent*. Ladarba l-*wallpaper* u l-kolla tneħħew, beda proċess delikat biex titneħħa kompletament iż-żebgħa bajda u b'hekk tinkixef il-pittura fuq il-ħajt.

Iż-żebgħa dehret li kienet żebgħa kummerċjali bbażata fuq komponent akriliku u kienet applikata f'saff wieħed mhux omoġenju, b'pinzell kbir. Twettqu bosta testijiet ta' tindif bil-għan li ż-żebgħa titneħħa mingħajr ma jiġi kompromess is-saff ta' żebgħa oriġinali taħtha. Ir-restawraturi rnexxielhom jifformulaw *cleaning gel* apposta li kien kapaċi jneħħi biss is-saff taż-żebgħa bajda waqt li jħalli l-pittura oriġinali ta' taħt. F'ħafna żoni, it-tindif sar ukoll b'mod mekkaniku, bl-użu ta' xfafar.

Waqt it-tindif innutajna li xi żoni tas-saff taż-żebgħa oriġinali kienu qed jinqalgħu. Dawn ġew imwaħħlin u konsolidati qabel it-tindif biex ikun assigurat li ma jintilef xejn mid-dekorazzjonijiet oriġinali. Xi żoni kellhom bżonn ukoll tikħil fejn pereżempju ġew identifikati żoni dgħajfa fil-ġebla. Mat-tneħħija taż-żebgħa, il-pittura oriġinali nstabet f'kundizzjoni pjuttost tajba bi brix u telf prinċipalment fuq il-ħajt ta' faċċata. Il-pittura għandha motivi asimmetriċi u elaborati, sinonima mal-pittura tal-istil artistiku Rococo. Il-motivi ta' fjuri, dawran u gwarniċi huma magħluqa f'qafas oħxon, li jaqsam sezzjonijiet skont il-wiċċ tal-ħajt. Iż-żebgħa hija eżegwita b'kuluri li juru varjetà fit-tonalità ta' blu-griż u ftit vjola, okra, *burnt sienna* u abjad. Dan jindika li l-pittura x'aktarx hi żejt b'teknika artistika komuni fil-gżejjer Maltin. Wara l-iskopertà tad-dekorazzjoni miżbugħa mal-ħajt, iż-żoni fejn kien hemm nuqqasijiet ġew mimlija bl-użu ta' materjal ibbażat fuq il-ġir, magħżul speċifikament għall-kompatibilità. Finalment imxejna għall-integrazzjoni tad-dekorazzjoni. Dan sar biss fejn kien hemm telf tal-kulur originali. Biex tissaħħaħ ir-riversibilità taż-żoni li ġew integrati mill-ġdid, il-pittura ngħatat kisja ħafifa ta' vernic stabbli ħafna.

